**PARLAMENT TA' MALTA**

**AĠENDA**

**IL-ĦMISTAX-IL PARLAMENT**

SEDUTA NUMRU 16

It-Tnejn, 27 ta' Lulju, 2026 fl-4:00 p.m.

## MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET ORALI

* **215.** **L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-
Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli

Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx waiting list jew capping fuq in-numru ta' permessi li jistgħu jinħarġu għal taxis u Y-plates?

23/06/2026

* **216.** **L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-
Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli

Jista' l-Ministru jgħid kemm hu d-dħul tal-Gvern minn applikazzjonijiet, miżati annwali, u mit-tiġdid ta' permessi relatati ma' taxis u Y-plates?

23/06/2026

* **217.** **L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-
Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli

Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx intenzjoni li tkun riveduta s-sistema preżenti tal-ħruġ tal-permessi għal taxis u Y-plates sabiex ikun assigurat aktar bilanċ u sostenibbiltà fis-settur tat-trasport privat?

23/06/2026

* **218.** **L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-
Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli

Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm irmiġġi reġistrati għal dgħajjes u bastimenti żgħar madwar Malta u Għawdex, maqsuma skont kull marina jew żona?

23/06/2026

* **219.** **L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-
Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli

Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista tal-postijiet pubbliċi fejn hemm waiting list għal irmiġġi u kemm hemm persuni jistennew għal kull lokalità?

23/06/2026

* **220.** **L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-
Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli

Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew sottomessi applikazzjonijiet ġodda għal irmiġġi matul Frar, Marzu, April u Mejju tal-2026?

23/06/2026

* **592.** **L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-
Prim Ministru

Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm hemm ħaddiema nisa, irġiel jew ta' ġeneru ieħor minn Skala 1 sa Skala 4 li bħalissa jaħdmu fis-servizz ċivili, maqsuma skont l-iskala?

01/07/2026

* **593.** **L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-
Prim Ministru

Jista' l-Prim Ministru jindika x'inhuma l-aħħar statistiċi dwar id-differenza fil-pagi bejn in-nisa u l-irġiel fis-settur pubbliku u dak privat?

01/07/2026

* **594.** **L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-
Prim Ministru

Jista' l-Prim Ministru jgħid x'miżuri qed jittieħdu sabiex titnaqqas id-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri?

01/07/2026

* **595.** **L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-
Prim Ministru

Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm hemm nisa u kemm hemm irġiel f'karigi ta' tmexxija fis-servizz pubbliku?

01/07/2026

* **596.** **L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-
Prim Ministru

Jista' l-Prim Ministru jgħid x'inhu l-perċentwal ta' nisa fuq il-bordijiet tal-awtoritajiet, entitajiet u kumpaniji tal-Gvern?

01/07/2026

*  **597.**  **L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-
Ministru għall-Ugwaljanza u d-Drittijiet Ċivili

Tista' l-Ministru tgħid kemm ġew irrappurtati każijiet ta' diskriminazzjoni fuq il-bażi tal-ġeneru matul l-aħħar sena u sa meta titwieġeb din il-mistoqsija?

01/07/2026

*  **681.**  **L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-
Ministru għal Għawdex

Jista' l-Ministru jindika kemm qed jiswa l-kiri ta' servizz ta' mobile clinic u ta' mobile office għall-Park taċ-Ċirkewwa lill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA) jew indirettament lill-management taċ-Ċirkewwa Marine Park kull sena billi jagħti rendikont tal-ispejjeż assoċjati / ivvutati għal dawn?

01/07/2026

*  **736.**  **L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-
Ministru għall-Finanzi

Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kwalunkwe linji gwida jew politika adottata dwar l-użu tal-Intelliġenza Artifiċjali fi ħdan il-Ministeru u l-entitajiet tiegħu?

01/07/2026

*  **737.**  **L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-
Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kwalunkwe linji gwida jew politika adottata dwar l-użu tal-Intelliġenza Artifiċjali fi ħdan il-Ministeru u l-entitajiet tiegħu?

01/07/2026

*  **738.**  **L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-
Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol

Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kwalunkwe linji gwida jew politika adottata dwar l-użu tal-Intelliġenza Artifiċjali fi ħdan il-Ministeru u l-entitajiet tiegħu?

01/07/2026

*  **739.**  **L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-
Ministru għat-Turiżmu

Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kwalunkwe linji gwida jew politika adottata dwar l-użu tal-Intelliġenza Artifiċjali fi ħdan il-Ministeru u l-entitajiet tiegħu?

01/07/2026

*  **740.**  **L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-
Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli

Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kwalunkwe linji gwida jew politika adottata dwar l-użu tal-Intelliġenza Artifiċjali fi ħdan il-Ministeru u l-entitajiet tiegħu?

01/07/2026

*        **741.**        **L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-
Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej

Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kwalunkwe linji gwida jew politika adottata dwar l-użu tal-Intelliġenza Artifiċjali fi ħdan il-Ministeru u l-entitajiet tiegħu?

01/07/2026

*        **860.**        **L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-
Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja

Jista' l-Ministru jgħid x'inhi l-Istrateġija Nazzjonali kontra l-faqar?

02/07/2026

*        **861.**        **L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-
Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja

Jista' l-Ministru jgħid kemm huwa n-numru ta' familji dipendenti fuq il-bankijiet tal-ikel?

02/07/2026

*        **862.**        **L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-
Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja

Jista' l-Ministru jgħid x'evalwazzjoni saret dwar l-effettività tal-miżuri kontra l-faqar?

02/07/2026

*        **863.**        **L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-
Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja

Jista' l-Ministru jgħid kemm huwa n-numru ta' persuni li jirċievu pensjoni mhux kontributorja?

02/07/2026

*        **864.**        **L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-
Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja

Jista' l-Ministru jgħid kemm huwa l-ħin medju biex jiġu pproċessati applikazzjonijiet għall-benefiċċji?

02/07/2026

*        **943.**        **L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-
Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi

Tista' l-Ministru tgħid x'xogħlijiet saru fl-area fi Trejqet tal-Fata ġewwa Ħaż-Żabbar?

06/07/2026

*        **954.**        **L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE** staqsa lill-
Ministru għal Għawdex

Jista' l-Ministru jgħid meta se jibdew ix-xogħlijiet fi Triq Għajn Mhelhel fiż-Żebbuġ, Għawdex u jispeċifika timeframes ta' meta se jitlestew?

06/07/2026

* **955.** **L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE** staqsa lill-
Ministru għal Għawdex

Jista' l-Ministru jgħid xi pjan għandu l-Gvern sabiex jindirizza ż-żieda sostanzjali fl-ispejjeż tat-trasport bil-baħar tan-nar pirotekniku lejn Għawdex u x'miżuri konkreti t'għajnuna, inkluż dik finanzjarja, qed jikkunsidra li jieħu l-Gvern, jekk dejjem huwa l-każ, sabiex itaffi dawn l-ispejjeż u jassigura li t-tradizzjonijiet tal-festi f'Għawdex ma jkunux kompromessi?

06/07/2026

* **956.** **L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE** staqsa lill-
Ministru għal Għawdex

Jista' l-Ministru jgħid kemm hu l-baġit allokat għal din is-sena għal kull opra individwali li ttellgħet jew li għadhom se jittellgħu fit-Teatru Manoel u teatri oħrajn f'Malta? Jista' jgħid ukoll kemm hu l-baġit allokat għal din is-sena għal kull opra individwali li saru jew li għadhom iridu jsiru ġewwa t-teatri f'Għawdex?

06/07/2026

* **957.** **L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE** staqsa lill-
Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali

Jista' l-Ministru jgħid kemm hu l-baġit allokat għal din is-sena għal kull opra individwali li ttellgħet jew li għadhom se jittellgħu fit-Teatru Manoel u teatri oħrajn f'Malta? Jista' jgħid ukoll kemm hu l-baġit allokat għal din is-sena għal kull opra individwali li saru jew li għadhom iridu jsiru ġewwa t-teatri f'Għawdex?

06/07/2026

* **958.** **L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE** staqsa lill-
Ministru għall-Intern u s-Sigurtà

Jista' l-Ministru jgħid kemm-il seduta pproċessaw l-uffiċċju tal-Qorti tal-Pulizija f'Għawdex fis-sena 2025 u kemm-il seduta pproċessaw din is-sena sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll kemm hemm pulizija jaħdmu ġewwa l-imsemmi uffiċċju, jekk humiex full-time jew part-time u x'inhu x-xogħol ta' kull pulizija fl-istess uffiċċju?

06/07/2026

* **969.** **L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE** staqsa lill-
Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 450 u jgħid meta huwa ppjanat illi jitlesta t-terminal tal-fast ferry fil-Belt Valletta u kif wkoll jindika jekk hemmx pjanijiet sabiex isir l-investiment neċessarju fit-terminal tal-fast ferry fl-Imġarr, Għawdex?

07/07/2026

* **1054.** **L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-
Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 638 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali u jgħid x'inhu l-istat attwali tal-Kappella ta' San Oswald fl-Imtarfa? Jista' jgħid ukoll jekk hemmx xi pjanijiet biex din tiġi restawrata?

08/07/2026

* **1123.** **L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-
Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi

Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 649 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir u tgħid kemm kien hemm persuni li weħlu multi fuq ħmieġ tal-annimali, maqsuma lokalità b'lokalità?

09/07/2026

* **1124.** **L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-
Ministru għall-Intern u s-Sigurtà

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 649 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir u jgħid kemm kien hemm persuni li weħlu multi fuq ħmieġ tal-annimali, maqsuma lokalità b'lokalità?

09/07/2026

* **1125.** **L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-
Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport

Jista' l-Ministru jgħid jekk fl-eżami tal-Matematika tal-Year 5, il-mistoqsijiet tal-problemi kinux kollha ta' dan il-livell? Jekk le, jista' jgħid x'kienet ir-raġuni għal dan?

09/07/2026

* **1126.** **L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-
Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi

Tista' l-Ministru tgħid liema xogħlijiet li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Ministeru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi għadhom pendenti? Tista' wkoll tipprovdi lista tax-xogħlijiet, proġetti u funzjonijiet kollha li bħalissa għadhom amministrati jew implimentati minn dan il-Ministeru?

09/07/2026

* **1472.** **L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-
Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel

Jista' l-Ministru jara li jieħu l-passi neċessarji biex il-ħsarat fis-supply tal-elettriku fil-pillars tal-moll tal-Veċċja jiġu msewwija, biex jiġu evitati problemi u diffikultajiet għal dawk li jagħmlu użu minnhom f'dawn l-inħawi?

14/07/2026

* **1473.** **L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-
Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 514 u jgħid kif jiġu stabbiliti s-swimming zones? Jista' jgħid ukoll x'inhi l-proċedura biex bajja tiġi inkluża bħala swimming zone?

14/07/2026

* **1474.** **L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-
Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa

Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 114 u 556 u jgħid kemm huwa n-numru ta' persuni impjegati fl-isptarijiet differenti tal-Gvern, u jaqsam din l-informazzjoni skont il-kategoriji ta' impjiegi stabbiliti għas-servizzi varji li huma meħtieġa f'kull livell? F'kull kategorija ta' impjieg, jista' jgħid ukoll kemm minn dawn il-ħaddiema huma Maltin u kemm huma ta' nazzjonalità mhux Maltija?

14/07/2026

* **1500.** **L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill-
Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa

Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 888 u jgħid fiex wasal ix-xogħol ta' rinnovazzjoni fid-Dar tal-Anzjani fl-Imtarfa? Jista' jgħid ukoll kemm ser jiġi jiswa b'kollox dan ix-xogħol?

14/07/2026

* **1501.** **L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill-
Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 891, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk it-taħriġ li jieħdu l-carers fil-lingwa Maltija huwiex rekwiżit biex carer jiġi ngaġġat?

14/07/2026

* **1502.** **L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill-
Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa

Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid x'qed tagħmel l-Awtorità tal-Istandards għall-Persuni Anzjani (OPSA) biex tassigura li l-ikel li jingħata lir-residenti fid-djar tal-anzjani u fl-isptarijiet jitjieb, ikun aktar nutrijenti u adattat għad-dieta lil kull anzjan u anzjana?

14/07/2026

* **1503.** **L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill-
Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja

Jista' l-Ministru jgħid kemm-il persuna għamlet użu mill-krediti tal-kontribuzzjonijiet minħabba trobbija tat-tfal jew caregiving matul l-aħħar ħames snin?

14/07/2026

* **1504.** **L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill-
Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja

Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm applikazzjonijiet pendent relatati mal-pensjonijiet, maqsuma skont it-tip ta' pensjoni, u x'inhu l-ħin medju ta' stennija biex jiġu deċiżi?

14/07/2026

* **1518.** **L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill-
Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa

Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1015 u jgħid kemm hemm anzjani fil-komunità jistennew biex jidħlu f'dar tal-anzjani?

15/07/2026

* **1612.** **L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-
Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1038 u jgħid jekk il-finanzjament ta' fondi Ewropej mill-proġett tal-estensjoni tal-Isptar Mater Dei tneħħiex sabiex tinħareġ direct order ta' €120 miljun? Jekk iva, jista' jgħid:
i. għaliex ittieħdet din id-deċiżjoni,
ii. x'ser jiġri minn dawn il-fondi, u
iii. jekk dawn il-fondi hux ser jintilfu jew jekk ġewx ridirezzjonati f'xi proġett ieħor, u jekk iva, f'liema proġett?

15/07/2026

* **1613.** **L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-
Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1040 fl-intier tagħha u jgħid, għal kull installazzjoni tal-pannelli solari installati fuq skejjel u binjiet li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu, x'inhu d-daqs ta' kull installazzjoni, meta ġew installati, u kemm iġġenerat kWhr ta' enerġija kull installazzjoni, sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

15/07/2026

* **1614.** **L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-
Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1041 fl-intier tagħha u jgħid, għal kull installazzjoni tal-pannelli solari installati fuq entitajiet kulturali, mużewijiet u binjiet li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu, x'inhu d-daqs ta' kull installazzjoni, meta ġew installati, u kemm iġġenerat kWhr ta' enerġija kull installazzjoni, sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

15/07/2026

* **1662.** **L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-
Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1039, tista' l-Ministru tgħid f'liema siti jkunu l-uffiċjali tas-sigurtà impjegati taħt Ambjent Malta, Project Green u entitajiet oħra li jaqgħu taħtha li huma responsabbli mis-sigurtà u l-manutenzjoni ta' parks, ġonna u soft areas, fix-xiftijiet tagħhom? Tista' allura tikkonferma li dawn is-siti qed ikollhom sigurtà 24 siegħa kuljum?

15/07/2026

* **1690.** **L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-
Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa

Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 120 u 798 u jgħid kemm ġew ingaġġati impjegati ġodda fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex f'April, f'Mejju u f'Ġunju 2026, separatament għal kull xahar?

16/07/2026

* **1691.** **L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-
Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir

Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 1184 u tgħid x'inhu l-proċess jew proċessi f'pajjiżna biex wieħed jiddisponi/jiskrappja vettura elettrika? Tista' tgħid ukoll xi ħlasijiet tinvolvi, liema awtoritajiet huma konċernati u jekk hemmx xi forma ta' riċiklar/esportazzjoni tal-partijiet li jikkomponuha?

16/07/2026

* **1692.** **L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-
Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1185 u jgħid x'inhu l-proċess jew proċessi f'pajjiżna biex wieħed jiddisponi/jiskrappja vettura elettrika? Jista' jgħid ukoll xi ħlasijiet tinvolvi, liema awtoritajiet huma konċernati u jekk hemmx xi forma ta' riċiklar/esportazzjoni tal-partijiet li jikkomponuha?

16/07/2026

* **1717.** **L-ONOR. ROMILDA ZARB** staqsiet lill-
Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa

Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm kien hemm każijiet li waslu permezz tal-Mental Health Helpline 1579 u ġew riferuti għal servizzi oħra tas-saħħa mentali jew entitajiet oħra, maqsuma sena b'sena u skont it-tip ta' servizz li ġew riferuti għalih?

16/07/2026

* **1718.** **L-ONOR. ROMILDA ZARB** staqsiet lill-
Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa

Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm-il każ li daħal permezz tal-Mental Health Helpline 1579 kien jeħtieġ intervent immedjat jew involviment tas-servizzi ta' emerġenza, mit-twaqqif tal-helpline sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

16/07/2026

* **1719.** **L-ONOR. ROMILDA ZARB** staqsiet lill-
Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa

Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm huwa n-numru ta' professjonisti impjegati fis-servizzi tas-saħħa mentali fis-settur pubbliku, maqsuma skont il-professjoni (inklużi psikjatri, psikologi, psychotherapists, psychiatric nurses, social workers, occupational therapists u professjonijiet oħra relatati)?

16/07/2026

* **1720.** **L-ONOR. ROMILDA ZARB** staqsiet lill-
Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa

Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm ġew reklutati professjonisti fis-servizzi tas-saħħa mentali fis-settur pubbliku matul l-aħħar ħames snin, maqsuma sena b'sena u skont il-professjoni?

16/07/2026

* **1721.** **L-ONOR. ROMILDA ZARB** staqsiet lill-
Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa

Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm kien hemm professjonisti li telqu mis-servizzi tas-saħħa mentali fis-settur pubbliku matul l-aħħar ħames snin, maqsuma sena b'sena u skont il-professjoni?

16/07/2026

* **1722.** **L-ONOR. ROMILDA ZARB** staqsiet lill-
Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa

Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hemm postijiet vakanti fis-servizzi tas-saħħa mentali fis-settur pubbliku, maqsuma skont il-professjoni?

16/07/2026

* **1767.** **L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill-
Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport

Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm professjonisti fil-qasam tal-mediċina sportiva impjegati mal-Gvern?

16/07/2026

*        **1768.**        **L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill-
Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport

Jista' l-Ministru jagħti lista tat-tenders kollha maħruġa minn SportMalta matul l-2024, l-2025 u l-2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, filwaqt li għal kull tender jindika:
i. is-suġġett;
ii. il-valur stmat;
iii. l-offerent rebbieħ;
iv. il-valur finali tal-kuntratt; u
v. jekk il-proġett tlestiex jew le?

16/07/2026

*        **1769.**        **L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill-
Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport

Jista' l-Ministru jgħid:
i. liema faċilitajiet sportivi fl-iskejjel tal-Istat huma disponibbli għall-użu tal-komunità wara l-ħin tal-iskola;
ii. liema faċilitajiet sportivi fl-iskejjel tal-Istat mhumiex disponibbli u għaliex; u
iii. kemm-il booking sar matul l-2025 għal kull faċilità sportiva fl-iskejjel tal-Istat?

16/07/2026

*        **1770.**        **L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill-
Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport

Jista' l-Ministru jgħid liema kunsilli lokali rċevew fondi sabiex itejbu l-faċilitajiet sportivi matul l-2024, l-2025 u l-2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' wkoll jindika għal kull wieħed:
i. il-proġett;
ii. il-valur tiegħu; u
iii. l-istadju li jinsab fih?

16/07/2026

*        **1771.**        **L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill-
Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport

Jista' l-Ministru jgħid xi studji wettaq il-Gvern dwar il-livell ta' parteċipazzjoni fl-isport f'Malta u jqiegħed dawn l-istudji fuq il-Mejda tal-Kamra?

16/07/2026

*        **1772.**        **L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill-
Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport

Jista' l-Ministru jgħid x'inhuma l-miri nazzjonali sabiex tiżdied il-parteċipazzjoni fl-isport f'Malta sal-2030?

16/07/2026

*        **1789.**        **L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-
Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi

Tista' l-Ministru tgħid x'tip ta' makkinarju għandha għad-dispożizzjoni tagħha l-Cleansing and Maintenance Division (CMD) u fejn qed jintuża? Tista' tgħid ukoll jekk hemmx xi makkinarju minn dan li hu bil-ħsara u jekk iva, liema hu?

16/07/2026

*	**1790.**	**L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-
Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir

Tista’ l-Ministru tgħid jekk hemmx xi ħsarat jew diffikultajiet fil-makkinarju u t-tagħmir tal-faċilitajiet tal-Wasteserv li fihom jitwaddab l-iskart domestiku li qed iwassal għal dewmien biex jinħatt l-iskart bil-konsegwenza li qed ikun hemm dewmien fil-ġbir? Jekk iva, x’inhuma dawn il ħsarat u kemm ilhom?

16/07/2026

*	**1810.**	**L-ONOR. MARILENA GAUCI** staqsiet lill-
Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali

Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew allokati fondi, speċifikament għal skemi ta' appoġġ jew finanzjament ta' produzzjonijiet tal-films Maltin indiġeni, fl-aħħar ħames snin, meta mqabbel mal-infiq totali fuq avvenimenti promozzjonali u marketing?

17/07/2026

*	**1811.**	**L-ONOR. MARILENA GAUCI** staqsiet lill-
Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali

Jista’ l-Ministru jgħid meta hu mistenni li jibda x-xogħol fuq is-soundstage mħabbar fl-2022, u għaliex qed idum daqshekk biex jibda?

17/07/2026

*	**1812.**	**L-ONOR. MARILENA GAUCI** staqsiet lill-
Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali

Jista' l-Ministru jgħid jekk ir-rakkomandazzjonijiet tal-Awditur Ġenerali dwar il-Kummissjoni Maltija tal-Films hux se jiġu implimentati fi żmien speċifiku u jekk iva, jipprovdi timeline ċar ta' meta dawn se jiġu implimentati?

17/07/2026

*	**1813.**	**L-ONOR. MARILENA GAUCI** staqsiet lill-
Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali

Jista' l-Ministru jgħid jekk hux se jitwaqqaf bord jew struttura ta' governanza formali fi ħdan il-Kummissjoni Maltija tal-Films?

17/07/2026

*	**1814.**	**L-ONOR. MARILENA GAUCI** staqsiet lill-
Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali

Jista' l-Ministru jgħid jekk teżistix strateġija nazzjonali speċifika, b'miri u fondi ddedikati, biex tiżdied il-produzzjoni ta' films u serje Maltin li jirrakkontaw l-istorja u l-kultura tagħna, u jekk iva, jista' jqiegħed kopja tagħha fuq il-Mejda tal-Kamra?

17/07/2026

*	**1815.**	**L-ONOR. MARILENA GAUCI** staqsiet lill-
Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali

Jista' l-Ministru jgħid kemm kien in-numru ta’ applikazzjonijiet minn produtturi Maltin għal finanzjament jew appoġġ mill-Kummissjoni Maltija tal-Films li ġew irrifjutati fl-aħħar tliet snin, u għal liema raġunijiet ewlenin?

17/07/2026

*        **1818.**        **L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-
Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi

Tista’ l-Ministru tagħti dettalji dwar ix-xogħol li għaddej fiż-żona ta’ Għar Lapsi fis-Siġġiewi biex jitranġaw il-ħsarat ikkawżati mill-maltemp li kien iffaċċja pajjiżna, inkluż xi żviluppi kien hemm u t-timeline f’dan ir-rigward?

17/07/2026

*        **1819.**        **L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-
Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport

Jista’ l-Ministru jgħid jekk, qabel inħarġet il-Komunikazzjoni Nru 05/2026 mill-Awtorità ta’ Malta għall-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla (MFHEA) dwar l-użu ta’ lingwi oħra, minbarra l-Ingliż u l-Malti, fit-tagħlim ta’ korsijiet akkreditati, saritx konsultazzjoni mal-istakeholders? Jista’ wkoll jispjega l-proċedura li permezz tagħha din il-komunikazzjoni ġiet approvata mill-Awtorità?

17/07/2026

*        **1820.**        **L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-
Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport

Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm studenti li jattendu l-iskejjel primarji f'Malta u Għawdex, maqsuma skont in-nazzjonalità u skont kull skola? Jista' jindika wkoll jekk l-iskola hijiex tal-Istat, tal-Knisja jew indipendenti?

17/07/2026

*        **1821.**        **L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-
Ministru għall-Finanzi

Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm studenti li jattendu l-iskejjel primarji f'Malta u Għawdex, maqsuma skont in-nazzjonalità u skont kull skola? Jista' jindika wkoll jekk l-iskola hijiex tal-Istat, tal-Knisja jew indipendenti?

17/07/2026

*        **1857.**        **L-ONOR. JULIAN BORG** staqsa lill-
Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol

Jista’ l-Ministru jgħid jekk il-miri relatati mal-proġett tal-flyover tal-Marsa li t-travel time jitnaqqas b’79%, it-tniġġis jitnaqqas b’70% u li għal kull €1 miljun li ġie investit ikun hemm ritorn ta’ €4.2 miljun f’benefiċċji bħal tnaqqis fil-ħin tal-ivvjaġġar, inqas konsum ta’ fuel u inqas inċidenti, eċċ., intlaħqux? Jista’ jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-istudji li setgħu saru mill-2021 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari biex jikkonfermaw dawn il-perċentwali u ċifri?

20/07/2026

*        **1858.**        **L-ONOR. JULIAN BORG** staqsa lill-
Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol

Jista’ l-Ministru jagħti dettalji, f'tabella, ta’ konsulenzi (inklużi periti, avukati u nutara) li tqabbdu jagħtu servizz lil Infrastructure Malta mill-2020 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, inkluż dettalji tal-valur li tħallsu individwalment?

20/07/2026

*	**1859.**	**L-ONOR. JULIAN BORG** staqsa lill-
Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol

Jista' l-Ministru jgħid jekk Infrastructure Malta għandhiex programm ta' manutenzjoni tat-toroq arterjali u distributorji, u jekk fl-affermattiv jagħti dettalji tax-xogħlijiet li saru mill-2025 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, inkluż jekk ix-xogħlijiet f'dan il-programm jinkludux it-tindif u/jew tiswija ta' tabelli, bollards, mirja u guardrail reflectors, kif ukoll it-tneħħija ta' veġetazzjoni illi qed tgħatti s-sinjali tat-traffiku?

20/07/2026

*	**1860.**	**L-ONOR. JULIAN BORG** staqsa lill-
Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli

Jista' l-Ministru jagħti dettalji, f'tabella, ta' konsulenzi (inklużi periti, avukati u nutara) li tqabbdu jagħtu servizz lil Transport Malta mill-2020 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, inkluż dettalji tal-valur li tħallsu individwalment?

20/07/2026

*	**1861.**	**L-ONOR. JULIAN BORG** staqsa lill-
Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir

Tista' l-Ministru tgħid x'tip ta' monitoraġġ tal-kwalità tal-arja qed isir f'Malta u f'Għawdex, inkluż il-metodoloġija użata u liema entità hija responsabbli minn dan il-monitoraġġ?

20/07/2026

*	**1862.**	**L-ONOR. JULIAN BORG** staqsa lill-
Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol

Jista' l-Ministru jagħti dettalji, f'tabella, dwar kemm hemm impjegati fi ħdan Identità sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll f'liema grad jaħdmu u l-livell ta' kwalifiki tagħhom (MQF level)?

20/07/2026

*	**1865.**	**L-ONOR. MICHAEL PICCININO** staqsa lill-
Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa

Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk għadux qed jingħata s-servizz tal-MRI fil-Vincent Moran Regional Health Hub, f'Raħal Ġdid? Jekk le, jista' jgħid meta u għaliex twaqqaf dan is-servizz? Jista' jgħid ukoll jekk hemmx il-ħsieb li f'dan il-Hub jiġu installati MRI scanners permanenti u jekk iva, sa meta huwa mistenni li dawn ikunu installati u jibdew jintużaw?

20/07/2026

*	**1867.**	**L-ONOR. ANDREW AGIUS** staqsa lill-
Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel

Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm veterinarji attwalment impjegati mal-Gvern, maqsuma skont id-dipartiment jew l-entità li huma impjegati magħha?

20/07/2026

* **1868.** **L-ONOR. ANDREW AGIUS** staqsa lill-
Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel

Jista' l-Ministru jgħid kemm veterinarji ġodda ġew ingaġġati mal-Gvern minn Ġunju 2025 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma skont id-dipartiment jew l-entità li huma impjegati magħha?

20/07/2026

* **1869.** **L-ONOR. ANDREW AGIUS** staqsa lill-
Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel

Jista' l-Ministru jgħid kemm veterinarji impjegati mal-Gvern talbu u ngħataw leave fit-tul (Long Leave) li jaqbeż xahar bħala tul kumplessiv, minn Ġunju 2025 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

20/07/2026

* **1870.** **L-ONOR. ANDREW AGIUS** staqsa lill-
Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel

Jista' l-Ministru jgħid kemm veterinarji talbu u ngħataw maternity leave minn Ġunju 2025 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

20/07/2026

* **1871.** **L-ONOR. ANDREW AGIUS** staqsa lill-
Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel

Jista' l-Ministru jgħid kemm veterinarji impjegati mal-Gvern irriżenjaw minn Ġunju 2025 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

20/07/2026

* **1872.** **L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-
Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli

Jista' l-Ministru jgħid x'inhuma l-Key Performance Indicators (KPIs) uffiċjali li Transport Malta u Malta Public Transport huma obbligati jilħqu kull sena? Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tagħhom?

20/07/2026

* **1873.** **L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-
Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli

Jista' l-Ministru jgħid x'azzjonijiet konkreti ttieħdu matul l-aħħar 12-il xahar biex it-traffiku ma jibqax jiswa lill-pajjiż madwar €67,000 kull minuta? Jista' jgħid ukoll x'kien ir-riżultat ta' dawn l-azzjonijiet?

20/07/2026

* **1874.** **L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-
Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli

Jista' l-Ministru jgħid kemm naqas jew żdied il-ħin medju tal-ivvjaġġar fit-toroq ta' Malta matul l-aħħar tliet snin?

20/07/2026

*          **1875.**          **L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-
Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli

Jista’ l-Ministru jgħid kemm-il kilometru ta’ bus lanes ġodda ġew implimentati mill-2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-istudji li juru l-effett tagħhom?

20/07/2026

*          **1876.**          **L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-
Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli

Jista’ l-Ministru jgħid kemm inħolqu parkeġġi ġodda mill-2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari u kemm minnhom huma park-and-ride?

20/07/2026

*          **1877.**          **L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-
Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli

Jista’ l-Ministru jgħid meta se tkun ippubblikata l-Parking Policy li ilha mwiegħda?

20/07/2026

*          **1911.**          **L-ONOR. ANNABELLE CILIA** staqsiet lill-
Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja

Jista’ l-Ministru jgħid x’rimedju qed jiġi offrut lil dawk il-persuni li bħalissa qed jaġixxu bħala foster carers u li ma jistgħux jużaw l-eID tagħhom biex jibbukkjaw it-trasport tal-iskola, jaċċessaw ir-riżultati tal-eżamijiet tat-tfal u r-riżultati relatati mas-saħħa tat-tfal fdati fil-kura tagħhom?

20/07/2026

*          **1912.**          **L-ONOR. STEPHEN SPITERI** staqsa lill-
Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa

Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jikkunsidra li l-mediċina Guanfacine 1, 2 u 3mg tidħol fil-Formularju tal-Gvern taħt il-ħames skeda peress li din hija l-iktar mediċina safe li tista' tintuża f'kundizzjonijiet ta' newrodiversità u hija għolja għall-konsumatur b'riskju li minflok, jintużaw antipsikotiċi li mhumiex daqshekk rakkomandati fit-tfal?

20/07/2026

*          **1913.**          **L-ONOR. STEPHEN SPITERI** staqsa lill-
Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa

Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk hix diġà ġiet ikkunsidrata l-possibbiltà li tidħol fil-Formularju tal-Gvern il-mediċina importanti fl-ADHD magħrufa bħala Lisdexamphetamine? Jekk iva, jista' jgħid għalfejn dan id-dewmien sabiex din tidħol?

20/07/2026

*	**1914.**	**L-ONOR. STEPHEN SPITERI** staqsa lill-
Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa

Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid:
i. għaliex il-mediċina Lisdexamfetamine (magħrufa bl-ismijiet kummerċjali Elvanse u Elvanse Adult), minkejja li hija awtorizzata fil-livell tal-Unjoni Ewropea u tirrappreżenta għażla terapewtika importanti b'mod partikolari għal dawk il-pazjenti li ma jirrispondux b'mod adegwat għall-methylphenidate, għadha mhijiex inkluża fil-Formularju tal-Gvern u għaldaqstant mhijiex aċċessibbli għall-pazjenti Maltin permezz tal-iskema tal-Ispiżerija tal-Għażla Tiegħek (POYC); u
ii. jekk il-Ministeru hux beħsiebu jinkludi din il-mediċina fil-Formularju tal-Gvern, u jekk iva, meta huwa mistenni li dan iseħħ, u jekk le, x'inhuma r-raġunijiet li wasslu għal din id-deċiżjoni?

20/07/2026

*	**1915.**	**L-ONOR. STEPHEN SPITERI** staqsa lill-
Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa

Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk bejn April u Mejju min kien intitolat għall-mediċina Methylphenidate Slow Release ġiex mogħti l-mediċina branded ‘Concerta’? Jekk iva, jista’ jgħid x'inhi r-raġuni li minn Ġunju dawn il-pazjenti reġgħu bdew jingħataw mediċina ġenerika u ma baqgħux jingħataw mediċina ta' kwalità prima?

20/07/2026

*	**1916.**	**L-ONOR. STEPHEN SPITERI** staqsa lill-
Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa

Jista’ d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jikkonferma li l-Gvern kien ilu s-snin jikkonsidra li jdaħħal fil-Formularju tal-mediċini b’xejn l-iktar żewġ mediċini użati f’Malta għall-ansjetà u d-dipressjoni u ċjoè; is-Sertraline u l-Escitalopram, u jgħid jekk dawn ġewx mixtrija mingħand l-aġent qabel l-aħħar ta’ Mejju 2026 imma għandhom ma ngħatawx? Jekk iva, jista’ jgħid għaliex? Fid-dawl li l-Gvern issa ħabbar l-introduzzjoni tas-Sertraline fuq il-formolarju tal-Gvern, jista’ jagħti indikazzjoni ċara dwar meta l-mediċina Escitalopram ser issib postha fuq il-formolarju għall-benefiċċju ta’ pazjenti bi problemi ta' saħħa mentali?

20/07/2026

*	**1917.**	**L-ONOR. STEPHEN SPITERI** staqsa lill-
Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa

Jista’ d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid liema mediċini fis-saħħa mentali, minbarra Sertraline u Escitalopram, qed jiġu kkunsidrati biex jingħataw b’xejn fuq il-ħames skeda? Jista' jgħid ukoll kemm ilu quddiem il-Ministeru għall-konsiderazzjoni r-rapport tal-esperti psikjatriċi li jirrakkomanda x’mediċini b’xejn għandhom jingħataw lill-pazjenti u jqiegħed dan ir-rapport fuq il-Mejda tal-Kamra?

20/07/2026

*	**1934.**	**L-ONOR. BEPPE FENECH ADAMI** staqsa lill-
Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol

Jista’ l-Ministru jgħid xi pjanijiet hemm biex tissolva s-sitwazzjoni tal-istat diżastruż li tinsab fih Triq Mannarino ġewwa Birkirkara?

20/07/2026

*	**1935.**	**L-ONOR. BEPPE FENECH ADAMI** staqsa lill-
Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol

Jista' l-Ministru jgħid meta ser jibdew ix-xogħlijiet fuq Triq Mannarino, f'Birkirkara?

20/07/2026

*	**1936.**	**L-ONOR. BEPPE FENECH ADAMI** staqsa lill-
Ministru għall-Intern u s-Sigurtà

Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew irrappurtati każijiet ta' serq f'Birkirkara mill-bidu tas-sena 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

20/07/2026

*	**1937.**	**L-ONOR. BEPPE FENECH ADAMI** staqsa lill-
Ministru għall-Intern u s-Sigurtà

Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew irrappurtati każijiet ta' serq f'Ħal Lija mill-bidu tas-sena 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

20/07/2026

*	**1938.**	**L-ONOR. BEPPE FENECH ADAMI** staqsa lill-
Ministru għall-Intern u s-Sigurtà

Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew irrappurtati każijiet ta' serq fl-Iklin mill-bidu tas-sena 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

20/07/2026

*	**1939.**	**L-ONOR. BEPPE FENECH ADAMI** staqsa lill-
Ministru għall-Intern u s-Sigurtà

Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew irrappurtati każijiet ta' serq fin-Naxxar mill-bidu tas-sena 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

20/07/2026

*	**2000.**	**L-ONOR. ANDREW AGIUS** staqsa lill-
Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir

Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 1777 u tgħid x'tip ta' rekords mediċi qegħdin jinżammu mid-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali fir-rigward tal-annimali li jinsabu taħt il-kura tiegħu?

21/07/2026

* **2006.** **L-ONOR. CONRAD BORG MANCHÉ** staqsa lill-
Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1684 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja u għal kull waħda mill-aħħar għaxar snin, maqsuma sena b'sena, jgħid:
a) kemm-il każ u kemm-il tifel u tifla kienu suġġetti għal deċiżjoni tal-Qorti tal-Familja li ordnat sospensjoni totali tal-aċċess ta' wieħed mill-ġenituri, aċċess sorveljat, aċċess monitorjat jew ordni ta' ebda kuntatt ("no contact");
b) kemm minn dawn id-deċiżjonijiet ingħataw permezz ta' digriet proviżorju u kemm permezz ta' sentenza finali;
ċ) kemm minn dawn il-każijiet wasslu sabiex l-aċċess reġa' ġie stabbilit, kemm għadhom pendenti u kemm spiċċaw f'sospensjoni permanenti jew għal żmien indeterminat;
d) kemm kien hemm tfal li baqgħu mingħajr kuntatt ma' wieħed mill-ġenituri tagħhom għal aktar minn sena, sentejn, tliet snin, ħames snin u għaxar snin; u
e) x'inhu t-tul medju ta' dawn is-sospensjonijiet?

21/07/2026

* **2007.** **L-ONOR. CONRAD BORG MANCHÉ** staqsa lill-
Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1685 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja u għal kull waħda mill-aħħar għaxar snin, maqsuma sena b'sena, jgħid:
a) kemm-il kawża dwar kura, kustodja u aċċess ġew ippreżentati quddiem il-Qorti tal-Familja;
b) kemm ġew deċiżi;
ċ) kemm għadhom pendenti;
d) kemm damu bħala medja sabiex ġew deċiżi;
e) kemm-il talba sabiex jerġa' jingħata l-aċċess ġiet ippreżentata, kemm intlaqgħu, kemm ġew miċħuda u kemm għadhom pendenti; u
f) kemm-il assessjar psikoloġiku, psikjatriku jew multidixxiplinari ġie ordnat mill-Qorti u kemm-il darba r-rakkomandazzjonijiet tal-esperti ġew segwiti jew ma ġewx segwiti mill-Qorti?

21/07/2026

* **2008.** **L-ONOR. CONRAD BORG MANCHÉ** staqsa lill-
Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1687 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista sħiħa tal-esperti kollha li matul l-aħħar għaxar snin servew jew għadhom iservu lill-Qorti tal-Familja u, għal kull wieħed minnhom, jindika l-professjoni, il-kwalifiki akkademiċi u professjonali, il-warrant jew ir-reġistrazzjoni professjonali fejn applikabbli, l-ispeċjalizzazzjoni, is-sena tal-ħatra, kemm-il darba ġie maħtur f'kull waħda mill-aħħar għaxar snin, l-ammont imħallas lilu kull sena, jekk sarux ilmenti jew proċeduri dixxiplinarji kontrih u l-eżitu tagħhom, kif ukoll jekk għadux jagħmel parti mir-reġistru tal-esperti tal-Qrati? Jista' wkoll iqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-kriterji u l-proċedura għall-għażla tagħhom, il-kodiċi ta' etika, il-linji gwida jew protokolli li jirregolaw il-ħidma tagħhom, il-proċeduri dwar kunflitti ta' interess, il-metodu ta' evalwazzjoni tal-prestazzjoni tagħhom, ir-rekwiżiti ta' taħriġ kontinwu u, jekk teżisti, is-sistema ta' rotazzjoni jew allokazzjoni tal-esperti?

21/07/2026

* **2013.** **L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-
Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport

Jista' l-Ministru jgħid kemm huwa n-numru ta' skejjel tal-Istat li bħalissa għandhom nuqqas ta' skrivani (staff klerikali)? Jista' wkoll jindika n-numru ta' skrivani neqsin għal kull skola?

21/07/2026

* **2014.** **L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-
Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport

Jista' l-Ministru jgħid kemm huwa n-numru ta' skejjel tal-Istat li għandhom skrivani aktar min-numru allokat? Jista' wkoll jindika n-numru ta' skrivani żejda għal kull skola?

21/07/2026

* **2023.** **L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill-
Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir

Tista' l-Ministru tgħid meta ser jissewwew il-lampi tat-toroq fiż-żona tal-Għammieri fil-limiti tar-Rabat, Malta, minħabba li ilhom aktar minn sebat ijiem mitfija?

21/07/2026

* **2024.** **L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill-
Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli

Jista' l-Ministru jgħid għaliex għadha ma ttieħdet l-ebda azzjoni biex jiġi infurzat li l-heavy vehicles ma jgħaddux minn Triq Borg Olivier, ir-Rabat Malta, minkejja d-diversi mistoqsijiet li diġà saru dwar dan? Jista' jgħid ukoll x'miżuri ser jittieħdu sabiex jitnaqqsu l-inkonvenjenzi li qegħdin iġarrbu r-residenti ta' din it-triq?

21/07/2026

* **2025.** **L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill-
Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi

Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 1236 u tgħid jekk bħalissa hemmx kampanja ta' għarfien dwar is-saħħa mentali attiva fi ħdan il-kunsilli lokali?

21/07/2026

* **2026.** **L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill-
Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi

Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 1238 u tgħid kemm hemm kunsilli lokali li jimpjegaw persuni bi bżonnijiet speċjali u liema huma?

21/07/2026

* **2027.** **L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill-
Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1239, tista' l-Ministru tgħid kemm hemm (kwantità) parkeġġi riżervati għal karozzi elettriċi fejn dawn ikunu jistgħu jiċċarġjaw, maqsuma lokalità b'lokalità?

21/07/2026

* **2028.** **L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill-
Ministru għat-Turiżmu

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1234 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi u jgħid meta ser jerġa' jibda jiffunzjona l-lift li hemm fil-Foss tal-Imdina, wara li għal darb'oħra reġa' mhux qed jaħdem?

21/07/2026

* **2085.** **L-ONOR. BEPPE GALEA** staqsa lill-
Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur

Jista' l-Ministru jgħid jekk l-Uffiċċju għall-Affarijiet tal-Konsumatur fi ħdan l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u l-Affarijiet tal-Konsumatur (MCCAA) hux qed jinvestiga prattiċi ta' Ponzi schemes f'Malta, li jikkostitwixxu ksur tal-Kapitlu 378 tal-liġijiet ta' Malta fuq bażi ta' unfair commercial practice? Jista' jgħid ukoll x'miżuri qed jittieħdu biex jiġu evitati prattiċi bħal dawn?

22/07/2026

* **2086.** **L-ONOR. BEPPE GALEA** staqsa lill-
Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 973 dwar investigazzjonijiet li saru da parti tad-Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) minħabba allegat ksur tal-artikolu 5 tal-Att dwar il-Kompetizzjoni (Kap. 379), jista' l-Ministru jgħid kemm ilhom pendenti dawn l-investigazzjonijiet?

22/07/2026

* **2087.** **L-ONOR. BEPPE GALEA** staqsa lill-
Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur

